



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 7 ta' Jannar 2026  
(OR. en)**

**2025/0289(COD)**

**PE-CONS 53/25**

**COH 205**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lill-  
Istati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit**

**REGOLAMENT (UE) 2026/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755**  
**fir-rigward tal-ammonti allokatu lill-Istati Membri**  
**skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> L-opinjoni tat-23 ta' Ottubru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 ([għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali](#)) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-...

Billi:

- (1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, seħħew avvenimenti ġeopolitiċi bla preċedent, ikkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija li rriżultat u ż-żieda qawwija relatata fl-inflazzjoni u fir-rati tal-imgħax. Dawk l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi ġabu emerġenzi ġodda li jenħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jitwettqu l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet kondiviżi tal-Unjoni. B'kont meħud tal-kważi eżawriment tal-flessibbiltajiet baġitarji limitati u l-limiti milħuqa mill-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni, il-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>4</sup> kellu jissaħħaħ għas-snin mill-2024 sal-2027 sabiex jipprevedi l-finanzjament l-aktar essenzjalment meħtieġ biex iwieġeb għal sfidi urġenti u komuni.
- (2) F'dak l-isfond, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE, Euratom) 2024/765<sup>5</sup>, li emenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 billi naqqas l-ammont massimu stabbilit f'dak ir-Regolament għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ir-“Riżerva”), li jagħmilha possibbli li r-riżorsi jiġu riallokati għal finijiet oħra.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

- (3) Għalhekk, jenħtieġ li jitnaqqsu r-riżorsi massimi tar-Riżerva kif previst fir-Regolament (UE) 2021/1755. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżorsi li diġà tħallsu lill-Istati Membri mir-Riżerva u biex jiġi evitat li tiġi pperikolata l-implimentazzjoni fl-Istati Membri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>, jenħtieġ li t-tnaqqis tar-riżorsi massimi tar-Riżerva ma jaffettwax ir-riżorsi li diġà tħallsu lill-Istati Membri bħala prefinanzjament jew ir-riżorsi li l-Istati Membri talbu li jiġu ttrasferiti lil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- (4) Għalhekk, l-ammont ta' EUR 584 264 090 li kellu jitħallas f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1755 fl-2025 jenħtieġ li ma jitħallasx u jenħtieġ li jitnaqqas mill-pakkett kumplessiv tar-Riżerva.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1755 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI:<http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2021/1755 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4(3) huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) kwalunkwe ammont allokat proviżorjament li jifdal għandu jsir disponibbli fl-2025 skont l-Artikolu 12.”;

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, l-ammonti mhux trasferiti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* f’konformità mal-Artikolu 4a li jkunu dovuti li jitħallsu mill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 12(3) ma għandhomx jitħallsu u għandhom jitnaqqsu mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).”;

(2) fl-Artikolu 4a(1), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Sal-1 ta’ Marzu 2023, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni biex jittrasferixxu lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ammonti kollha jew parti minnhom tal-allokazzjoni proviżorja tagħhom stabbilita fl-att ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 4(5).”.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---